

## COVID-19: LURA LEJN IL-POST TAX-XOGĦOL

### L-adattament tal-postijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tal-ħaddiema

Aġġornament ta' Diċembru 2020



© L-Unjoni Ewropea, 2020

## Werrej

L-isfond u l-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida .....	2
Introduzzjoni .....	2
Aġġorna l-valutazzjoni tar-riskju tiegħek u ħu miżuri xierqa .....	3
It-tnaqqis tal-esponenti għall-COVID-19 fuq il-post tax-xogħol .....	3
It-tkomplija tax-xogħol wara perjodu ta' għeluq .....	4
L-indirizzar ta' rata għolja ta' assenza .....	5
Il-ġestjoni tal-ħaddiema li jkunu qiegħdin jaħdmu mid-dar .....	6
Involvi lill-ħaddiema .....	7
Hu ħsieb il-ħaddiema li kienu morda .....	7
Ippjana u tgħallem għall-futur .....	8
Żomm ruħek infurmat tajjeb .....	8
Is-setturi u l-okkupazzjonijiet .....	8
Sector-specific guidance related to COVID-19 (Gwida speċifika għas-settur relatata mal-COVID-19) .....	9

## L-isfond u l-kamp ta' applikazzjoni tal-linji gwida

Dawn il-linji gwida mhux vinkolanti għandhom l-għan li jgħinu lill-impiegat u lill-ħaddiema biex jibqgħu sikuri u b'saħħithom f'ambjent tax-xogħol li jkun inbidel b'mod sinifikanti minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Dawn jaġħtu pariri dwar:

### Valutazzjoni tar-riskju u miżuri xierqa

- it-tnaqqis tal-esponentim għall-COVID-19
- it-tkomplija tax-xogħol wara perjodu ta' għeluq
- l-indirizzar ta' rata għolja ta' assenza
- il-ġestjoni tal-ħaddiema li jkunu qeqħdin jaħdmu mid-dar

### L-involviment tal-ħaddiema

#### L-ġħoti ta' kura lill-ħaddiema li kienu morda

#### L-ippjanar u t-tagħlim għall-futur

#### Inżommu ruħna infurmati tajjeb

#### Informazzjoni għas-saħħa u l-impiegati

Il-linji gwida jinkludu eżempji ta' miżuri ġenerali, li skont is-sitwazzjoni tax-xogħol partikolari, jistgħu jgħinu lill-impiegat jiksbu ambjent tax-xogħol sikur u tajjeb għas-saħħa xieraq meta jwettqu jew jerġgħu jibdew l-aktivitajiet.

Dan id-dokument jipprovd links għal informazzjoni rilevanti mill-EU-OSHA u jinkludi lista ta' riżorsi minn diversi forniture li jimmiraw lejn industrij u impiegati differenti. Jekk jogħġibok innota li l-informazzjoni f'din il-għida ma tkoprix l-ambjent tal-kura tas-saħħa, li għalihem hemm disponibbli pariri spċifici (eż. mill-[ECDC](#), mid-[WHO](#), mis-[CDC](#)).

Għal kwalunkwe mistoqsja jew tħassib spċifici mhux indirizzati f'dan id-dokument, irreferi għal informazzjoni mill-awtoritajiet lokali, bħalma huma s-servizz tas-saħħa jew l-ispettorat tax-xogħol.

## Introduzzjoni

Wara l-pandemija tal-marda tal-coronavirus ġdid 2019 (COVID-2019), l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (UE) stabbilixxew għadd ta' miżuri, inklużi dawk li jaffettwaw il-postijiet tax-xogħol, biex jiġi tieldu t-tixrid tal-marda. Id-dinja tax-xogħol qiegħda tiġi affettwata severament matul din il-kriżi, għalhekk, is-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà – inklużi n-negozji, l-impiegat u s-sħab soċjal – għandu jkollhom rwol sabiex jipproteġu lill-ħaddiema, lill-familji tagħhom u lis-soċjetà b'mod ġenerali.

In-natura u l-firxa tal-miżuri jvarjaw minn restrizzjonijiet fuq il-moviment u s-sospensjoni ta' attivitajiet mhux essenziali, sa limiti fuq l-għadd ta' persuni li jokkupaw spazju, il-projbizzjoni ta' ġerti attivitajiet, u l-obbligu li jiġu segwiti miżuri individwali ta' iġjene. L-applikazzjoni tagħhom tista' skont l-evoluzzjoni tal-pandemija, is-settur, l-okkupazzjoni jew karatteristika relatata mas-saħħa tal-individwu. Bħala riżultat ta' dawn il-miżuri, il-ħaddiema jistgħu jkunu meħtieġ jaħdmu mid-dar, jew jekk ix-xogħol tagħhom ma jistax jitwettaq mill-bogħod, jibqgħu d-dar.

Ladarba l-miżuri jiksbu tnaqqis suffiċjenti fir-rati ta' trażmissjoni tal-COVID-19, tiġi awtorizzata t-tkomplija tal-attivitajiet tax-xogħol. Spiss, dan isir pass pass, b'xogħol li huwa meqjus essenziali għall-protezzjoni tas-saħħa u l-ekonomija li jiġi awtorizzat l-ewwel.

Filwaqt li t-tilqim maż-żmien se jwassal għall-illaxkar tal-miżuri, mhuwiex ċar sa liema punt, jew meta, se jerġgħu jibdew l-attivitajiet tax-xogħol “normali”. Huwa probabbli ħafna li ġerti miżuri se jibqgħu stabbiliti għal xi żmien jew jiġu introdotti mill-ġdid f'xi punt biex jiġi evitati żidiet fil-futur fir-rati ta' infezzjoni.

Il-kriżi tal-COVID-19 qed tagħmel pressjoni fuq l-impiegat u l-ħaddiema minħabba li jkollhom jimplimentaw proċeduri u prattiki ġoddha fi żmien qasir ħafna, jew ikollhom jissospendu x-xogħol u l-attivitajiet kummerċjali tagħhom. F'dan il-kuntest, is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali joffru appoġġ prattiku għaż-żamma tax-xogħol, u jikkontribwixxu għaż-żamma tax-xogħol, u l-ġġidha jidher minn il-ġidu.

## Aġġorna I-valutazzjoni tar-riskju tiegħek u ħu miżuri xierqa

L-istess bħal f-kundizzjonijiet tax-xogħol normali, l-identifikazzjoni u l-[valutazzjoni tar-riskji](#) kemm f-ambjenti tax-xogħol fiżiċi kif ukoll f-dawk psikosoċjali huma l-punt ta' tluq għall-ġestjoni tas-saħħha u ssikurezza okkupazzjonali (OSH) skont il-miżuri tal-COVID-19. L-impiegaturi huma obbligati jirrevedu l-valutazzjoni tar-riskju tagħhom meta jkun hemm bidla fil-proċess tax-xogħol u jqisu r-riskji kollha, inklużi dawk li jaftettaw is-saħħha mentali. Fir-reviżjoni tal-valutazzjoni tar-riskju, għandha tingħata attenzjoni għal kwalunkwe anomalija jew sitwazzjoni li tikkawża problemi u kif dawn jistgħu jgħiñu lill-organizzazzjoni ssir aktar reżiljeni fuq medda twila ta' żmien. Ftakar fl-importanza li l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom jiġu involuti fir-reviżjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u sejjaħ lill-fornitur tal-prevenzjoni tar-riskju jew tas-saħħha okkupazzjonali tiegħek jekk ikkolok wieħed. Bħala kontribut għall-valutazzjoni tiegħek, ikseb informazzjoni aġġornata mill-awtoritatijiet pubbliċi dwar is-sitwazzjoni tal-COVID-19 fiż-żona tiegħek. Ladarba l-valutazzjoni tar-riskju tiġi aġġornata, il-pass li jmiss huwa li tagħmel pjan ta' azzjoni b'miżuri xierqa. Hawn taħt issib xi eżempji ta' kwistjonijiet relatati mal-pandemja li għandhom jiġu kkunsidrati meta jitfassal pjan ta' azzjoni bħal dan.

## It-naqqis tal-esponenti għalli-COVID-19 fuq il-post tax-xogħol

L-implimentazzjoni ta' prattiki tax-xogħol sikuri biex jiġi limitat l-esponenti għall-COVID-19 fuq il-post tax-xogħol teħtieġ li l-ewwel issir valutazzjoni tar-riskji, u mbagħad tiġi implementata l-[ġerarkija ta' kontrolli](#). Dan ifisser li jiġu stabiliti miżuri ta' kontroll biex l-ewwel jiġi eliminat ir-riskju u jekk dan ma jkunx possibbli, jitnaqqas l-esponenti tal-ħaddiema. Ibda l-ewwel b'miżuri kollettivi u jekk ikun meħtieġ, issupplimentahom b'miżuri individwali, bħal tagħmir protettiv personali (PPE). Hawn taħt issib xi eżempji ta' miżuri ta' kontroll, madankollu, mhux kollha se jkunu applikabbli għall-postijiet tax-xogħol jew għall-impiegji kollha minħabba n-natura tagħhom.

- Għalissa wettaq biss xogħol essenzjali; jista' jkun possibbli li xi xogħol jiġi pospost għal meta r-riskju jkun aktar baxx. Jekk possibbli, offri servizzi mill-bogħod (bit-telefon jew bil-vidjo) minflok personalment. Kun żgur li l-ħaddiema li huma essenzjali għall-impieg biss ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u naqqas il-preżenza ta' partijiet terzi.
- Naqqas, kemm jista' jkun, il-kuntatt fiżiku bejn il-ħaddiema (eż. matul il-laqgħat jew waqt il-waqfiex). Iżola lill-ħaddiema li jistgħu jwettqu l-kompli tagħhom waħedhom b'mod sikur u li ma jeħtiġux tagħmir speċjalizzat jew makkinarju li ma jistax jiġi mċaqlaq. Pereżempju, kull meta jkun possibbli, agħmel arranġamenti biex huma jkunu jistgħu jaħdmu waħedhom f'uffiċċju alternattiv, kamra tal-personal, kantin jew kamra tal-laqgħat. Jekk ikun possibbli, itlob lill-ħaddiema vulnerabbli biex jaħdmu mid-dar (il-persuni akbar fl-eta tħalli u dawk li [għaddejjin minn trattament tal-kanċer jew xi immunosuppressjoni oħra](#)) u l-[ħaddiema nisa tqal](#). Ħaddiema b'membri tal-familja qrib tagħhom li jinsabu f'riskju għoli jistgħu wkoll ikollhom bżonn jaħdmu mid-dar.
- Elimina, u jekk mhux possibbli, illimita l-interazzjoni fiżika mal-klijenti u bejniethom. Pereżempju, permezz ta' ordnijiet online jew bit-telefon, konsenja mingħajr kuntatt jew dħul immaniġġjat (filwaqt li tevita wkoll li n-nies jingħabru f'folla barra), u tbegħid fiżiku kemm ġewwa kif ukoll barra l-bini.
- Meta tikkonsenja oġġetti, agħmel dan permezz ta' ġbir jew konsenja barra l-bini. Agħti pariri lis-sewwieqa dwar iġjene tajba fil-karozza u pprovdilhom ġell sanitarju u wipes xierqa. Il-ħaddiema li jagħmlu l-konsenji għandhom jitħallew jużaw faċilitajiet bħal tojlits, kafetteriji, kmamar fejn wieħed ibiddel u kmamar bid-doċċa, għalkemm bil-prekawżjonijiet xierqa (bħal utent wieħed biss jidħall jidu).
- Poġġi barriera impermeabbli bejn il-ħaddiema, speċjalment jekk ma jkunux jistgħu jżommu distanza ta' żewġ metri minn xulxin. Il-barrieri jistgħu jkunu magħmulin apposta jew improvizzati bl-użu ta' oġġetti bħal folji tal-plastik, diviżorji, kxaxen mobbli, jew unitajiet ta' ħażna. Oġġetti li mhumiex solidi jew li għandhom it-toqob, bħall-pots tal-pjanti jew it-trolis, jew li joħolqu riskju ġdid, bħal jekk titgerbeb f'xi oġġett jew oġġetti li jaqgħu, għandhom jiġu evitati. Jekk ma tkunx tista' tintuża barriera għandu jinħoloq spazju addizzjonal bejn il-ħaddiema billi, pereżempju, jiġi żgurat li jkollhom mill-inqas żewġ desks vojta fuq kull naħħa tagħhom.

- Jekk il-kuntatt mill-qrib ma jkunx jista' jiġi evitat, żomm dan il-kuntatt għal inqas minn 15-il minuta. Naqqas il-kuntatt bejn partijiet differenti tan-negożju tiegħek fil-bidu u fit-tmiem tax-xiftijiet. Irranġa l-ħinijiet tal-waqfiet għall-ikel biex tnaqqas in-numru ta' persuni li jkunu fil-kafetterija, fil-kamra tal-persunal, jew fil-kċina fl-istess ħin. Kun żgur li fil-kmamar tal-banju u fil-kmamar fejn wieħed ibiddel ikun hemm ħaddiem wieħed biss f'ħin partikolari. Poġġi sinjal fuq il-bieb prinċipali li jindika meta wieħed mit-tojlts ikun qiegħed jintuża biex jiġi żgurat li persuna waħda biss tidħol f'ħin partikolari. Organizza x-xiftijiet biex tqis il-kompliti ta' tindif u ta' sanitazzjoni.
- Ipprovd sapun u ilma jew sanitizzatur tal-idejn xieraq f'postijiet konvenjenti u aġħti pariri lill-ħaddiema biex jaħslu idejhom ta' spiss. Naddaf il-bini tiegħek ta' spiss, speċjalment il-counters, il-mankijiet tal-bibien, l-ġħodda u wċuħ oħra li l-persuni jmissu spiss u pprovd ventilazzjoni tajba jekk ikun possibbi.
- Fejn ikun possibbi, kun żgur li jkun hemm ventilazzjoni tajba, ftuħ tat-twiegħi u bibien sabiex jippermettu l-fluss ta' arja friska minn barra.
- Skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fiż-żona tiegħek, l-użu ta' maskri tal-wiċċ ċirurġiċi jew “iġjeniċi” jista' jiġi kkunsidrat fuq il-post tax-xogħol u fl-ispazji magħluqa u kondiviżi kollha, bħal karozzi, vannijiet u trasport pubbliku. Dawn il-maskri tal-wiċċ huma ddisinjati bħala miżura ta' iġjene, għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-coronavirus permezz ta' qtar li joħroġ meta wieħed jisgħol jew jagħtas li jaqgħu fuq uċuħ li jmissu persuni oħra u minn aerosol li jingħibed man-nifs, u jibqgħu sospiżi fl-arja sakemm jingħibdu man-nifs minn oħra.
- Jekk identifikajt riskju ta' infel-żon minnejha li applikajt il-miżuri kollha fattibbi ta' sikurezza, imbagħad ipprovd I-PPE kollu meħtieġ. Huwa importanti li l-ħaddiema jitħarrġu fl-użu korrett tal-PPE, filwaqt li jiġi żgurat li huma jsegwu r-regolamenti u l-gwida disponibbli dwar l-użu tal-maskri tal-wiċċ u l-ingwanti.
- Poġġi posters li jħeġġu li wieħed joqgħod id-dar meta jħossu ma jiflaħx, l-etikett ta' kif għandek tisgħol u tagħħas, u l-iġjene tal-idejn mad-dħul fil-post tax-xogħol u f'żoni oħra fejn jidhru.
- Iffaċilita l-użu ta' trasport individwali aktar milli kollettiv mill-ħaddiema, pereżempju billi tagħmel disponibbli parkeġġ jew post għall-ħażna ta' roti b'mod sikur, u billi tinkoraġġixxi lill-ħaddiema biex imorru għax-xogħol bil-mixi, jekk ikun possibbi.
- Stabbilixxi politiki dwar il-liv flessibbli u x-xogħol mill-bogħod biex tillimita l-preżenza fuq il-post tax-xogħol, meta jkun meħtieġ.
- Evita ammont ta' xogħol eċċessiv fuq il-persunal tat-tindif billi tieħu miżuri xierqa, bħall-assenjar ta' persunal addizzjonali għall-kompliti u li titlob lill-ħaddiema biex iħallu l-ispazju tax-xogħol tagħhom nadif. Ipprovd lill-ħaddiema tixxus u laned tal-iskart b'borża tal-plastik sabiex dawn ikunu jistgħu jitbattlu mingħajr ma jkun hemm kuntatt mal-kontenut.

Irreferi għall-[COVID-19: guidance for the workplace](#) (COVID-19: gwida għall-post tax-xogħol) għal aktar informazzjoni dwar it-ħejja tal-post tax-xogħol tiegħek għall-COVID-19, inkluż x'għandu jsir jekk xi ħadd infettat bil-COVID-19 kien fil-post tax-xogħol u pariri dwar l-ivvaġġgar u l-laqgħat. Hemm informazzjoni disponibbli għall-[“ħaddiema fruntaliera u dawk stazzjonati”](#) (persuni li jaħdmu f'pajjiż wieħed u jirritornaw b'mod regolari lejn il-pajjiż fejn jirrisjedu).

## It-tkomplija tax-xogħol wara perjodu ta' għeluq

Jekk il-post tax-xogħol tiegħek ingħalaq għal ġertu perjodu għal raġunijiet relatati mal-COVID-19, aġħmel pjan għal meta jerġa' jibda x-xogħol li jqis is-saħħha u s-sikurezza. Fil-pjan tiegħek għandek tikkunsidra dan li ġej:

- Aġġorna l-[valutazzjoni tar-riskju](#) tiegħek kif deskrirt hawn fuq u rreferi għall-[COVID-19: guidance for the workplace](#) (COVID-19: gwida għall-post tax-xogħol).
- Wettaq adattamenti fit-tqassim tal-post tax-xogħol u fl-organizzazzjoni tax-xogħol li jnaqqsu t-trażmissjoni tal-COVID-19 qabel ix-xogħol jerġa' jibda bis-sħiħ u qabel il-ħaddiema kollha jirritornaw għall-post tax-xogħol. Ikkunsidra li x-xogħol jerġa' jibda fi stadji biex ikunu jistgħu jsiru adattamenti. Kun żgur li tinforma lill-ħaddiema dwar il-bidliet u tiprovdilhom proċeduri u taħriġ ġodda, jekk ikun meħtieġ, qabel ma jerġgħu jibdew jaħdmu.

- Ikkuntattja lis-servizz tas-saħħha okkupazzjonali u lill-konsulent tas-saħħha u s-sikurezza tiegħek jekk ikkolok aċċess għal wieħed u ddiskuuti l-pjan tiegħek magħħom.
- Agħti attenżjoni speċjali lill-ħaddiema li jinsabu f'riskju għoli u kun lest li tipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbi, inklużi l-persuni akbar fl-ċetà u dawk b'kundizzjonijiet kroniċi (inklużi ipertensjoni, problemi tal-pulmun jew tal-qalb, dijabete, jew dawk li għaddejjin minn trattament tal-kanċer jew xi immunosuppressioni oħra) u l-ħaddiema nisa tqal. Agħti attenżjoni wkoll lill-ħaddiema b'membri tal-familja qrib tagħhom li jinsabu f'riskju għoli.
- Ikkunsidra li tistabbilixxi appoġġ għall-ħaddiema li jistgħu jkunu qed ibatu minn ansjetà jew stress. Dan jista' jvarja minn maniġers li jistaqsu lill-ħaddiema aktar ta' spiss dwar kif qed iħossuhom, l-iffaċċilar ta' skambji jew akkumpanjament bejn il-kolleġi, bidliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol u l-kompli tax-xogħol, sa programm ta' assistenza lill-impiegati jew servizz ta' kkowċjar, kif ukoll l-għot ta' kuntatt ma' servizz tas-saħħha okkupazzjonali. Kun af li l-ħaddiema jistgħu jkunu għaddew minn avvenimenti trawmatiċi bħall-mard serju jew il-mewt ta' qarib jew ħabib, jew ikunu qegħdin jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji jew problemi fir-relazzjonijiet personali tagħhom.
- Il-ħaddiema li jirritornaw fuq il-post tax-xogħol wara perjodu ta' iżolament, kemm bħala miżura individwali kif ukoll bħala parti minn iżolament kollettiv, x'aktarx li jkollhom tħassib, b'mod partikolari dwar ir-riskju ta' infezzjoni. Dan it-tħassib – speċjalment jekk kien hemm bidliet fl-impieg – jista' jwassal għal stress u problemi ta' saħħha mentali. Meta jkunu stabbiliti miżuri ta' tbegħid fiżiku, dawn il-problemi mħumiex biss aktar probabbli, iżda l-mekkaniżmi ta' sopravvivenza tas-soltu, bħal spazju personali, jew il-fatt li wieħed jikkondividli l-problemi tiegħu ma' oħrajn, ma jkunux disponibbli (ara Return to work after sick leave due to mental health problems (Ritorn għax-xogħol wara liv minħabba mard minħabba problemi ta' saħħha mentali). Ipprovi lill-ħaddiema b'informazzjoni dwar sorsi disponibbli pubblikament ta' appoġġ u għoti ta' pariri. Mental Health Europe għandha informazzjoni dwar kif għandek tieħu ħsieb is-saħħha mentali tiegħek u tindirizza t-thedda tal-COVID-19.
- Il-ħaddiema jistgħu jkunu mħassba dwar probabbiltà akbar ta' infezzjoni fuq il-post tax-xogħol u jaf ma jkunux iridu jirritornaw għax-xogħol. Huwa importanti li tifhem it-tħassib tagħhom, tiprovi informazzjoni dwar il-miżuri meħuda u l-appoġġ disponibbli għalihom.

## L-indirizzar ta' rata għolja ta' assenza

Skont ir-rati ta' infezzjoni fiż-żona lokali tiegħek u l-protokolli fis-seħħi, ħafna mill-ħaddiema tiegħek jistgħu jkunu assenti minħabba l-COVID-19. Jekk ħaddiem ikun f'żolament fid-dar bħala prekawzjoni, għandu mnejn li dan ikun jista' jkompli jaħdem mill-bogħod (ara hawn taħbi), jew jekk dan ma jkunx il-każ, il-ħaddiem mhux se jkun jista' jaħdem għal perjodu ta' żmien.

Il-ħaddiema li huma kkonfermati li għandhom il-COVID-19 jistgħu jkunu assenti u ma jkunux jistgħu jaħdmu għal żmien itwal b'mod sinifikanti u dawk li jimirdu serjament jistgħu jeħtieġu perjodu ulterjuri ta' riabilitazzjoni ladarba jfifu mill-infezzjoni. Barra minn hekk, xi ħaddiema jistgħu jkunu assenti minħabba li jkollhom jieħdu ħsieb qarib tagħhom.

- L-assenza ta' numru sostanzjali ta' ħaddiema, anke jekk temporanja biss, tista' tikkawża pressjoni fuq it-tkomplija tal-attivitajiet. Filwaqt li l-ħaddiema disponibbli għandhom ikunu flessibbli, huwa importanti li ma jsibux ruħhom f'sitwazzjoni li tipperikola s-saħħha jew is-sikurezza tagħħom. Żomm kwalunkwe ammont ta' xogħol addizzjonal baxx kemm jista' jkun u kun żgur li dan ma jidu wijs. Il-maniġers tal-linjal għandhom rwol importanti fil-monitoraġġ tas-sitwazzjoni u biex jiżguraw li l-ħaddiema individwali ma jkunux mgħobbija żżejjed. Irrispetta r-regoli u l-ftiehimet dwar is-sigħat tax-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ u agħti lill-ħaddiema d-dritt li jaqtgħu mix-xogħol meta ma jkunux qed jaħdmu.
- Meta tadatta x-xogħol biex tlaħħaq ma' forza tax-xogħol imnaqqsa, pereżempju billi tistabbilixxi metodi u proċeduri ġoddha u tbiddel ir-rwoli u r-responsabbiltajiet, ikkunsidra jekk il-persunal għandux bżonn taħbi u appoġġ addizzjonal, u kun żgur li l-ħaddiema kollha jkunu kompetenti biex iwettqu l-kompli li huma meħtieġa jwettqu.
- Ħarreġ lill-ħaddiema f'diversi kompli biex iwettqu funzjonijiet essenziali sabiex il-post tax-xogħol ikun jista' jopera anke jekk il-ħaddiema ewlenin ikunu assenti.

- Jekk ikun hemm dipendenza minn persunal interim, huwa importanti li tinfurmahom dwar ir-riskji fuq il-post tax-xogħol u tiprovdilhom taħriġ jekk ikun meħtieġ.

## II-ġestjoni tal-ħaddiema li jkunu qeqħdin jaħdmu mid-dar

Bħala parti mill-miżuri ta' tbegħid fiżiku li ttieħdu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-ħaddiema huma mħeġġa jew obbligati li jaħdmu mid-dar jekk in-natura tal-impieg tagħhom tippermetti dan. Għal ħafna minn dawn il-ħaddiema, din tista' tkun l-ewwel darba bħala "teleħaddiema" u l-ambjent tax-xogħol tagħhom x'aktarx li jkun nieqes minn ħafna aspetti meta mqabbel mal-post tax-xogħol tagħhom. Il-punt sa fejn l-ambjent tad-dar jista' jiġi adattat se jvarja skont is-sitwazzjoni tal-ħaddiem u ż-żmien u r-riżorsi disponibbli għall-adattamenti.

Parir dwar kif wieħed jibqa' sikur u b'saħħtu waqt li jkun qed jaħdem mid-dar huwa disponibbli [hawnhekk](#), iżda fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa mmirat lejn dawk li jaħdmu mid-dar b'mod regolari jew fit-tul. Hawn taħt se ssib xi suġġerimenti biex jitnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji għall-ħaddiema li ma setgħux iħejju l-post tax-xogħol tad-dar tagħhom kif suppost.

- Wettaq valutazzjoni tar-riskju li tinvolvi lill-ħaddiema li jaħdmu mid-dar u lir-rappreżentanti tagħhom.
- Ippermetti lill-ħaddiema jieħdu tagħmir mill-post tax-xogħol tagħhom għad-dar tax-xogħol tagħhom fuq bażi temporanja (jekk ma jkunux jistgħu jiksbu huma stess, ikkunsidra li tagħmel arranġamenti għall-konsenja tiegħu). Dan jista' jinkludi oġġetti bħal kompjuter, monitor, tastiera, maws, printer, siġġu, oġġett għas-serħan tas-saqajn, jew lampa. Żomm rekord ta' min jieħu xiex biex tevita konfużjoni meta jerġa' jibda x-xogħol normali.
- Ipprovali lit-teleħaddiema [gwida dwar l-istabbiliment ta' stazzjon tax-xogħol fid-dar](#) li japplika ergonomija tajba, bħal qagħda tajba u movimenti frekwenti, kemm jista' jkun.
- Ħeġġeġ lill-ħaddiema jieħdu waqfiet regolari (madwar kull 30 minuta) biex iqumu, jimxu u jitmatru.
- Agħti appoġġ lit-teleħaddiema fl-użu ta' tagħmir u software tal-IT. L-għodod ta' konferenzi bit-telefon u bil-vidjo jistgħu jsiru essenzjali għax-xogħol, iżda jistgħu jkunu problematiċi għall-ħaddiema li ma jkunux familjari magħħom.
- Kun żgur li jkun hemm komunikazzjoni tajba fil-livelli kollha li tinki ludi lil dawk li jaħdmu mid-dar. Dan ivarja mill-informazzjoni strateġika pprovduta mill-maniġment fl-ogħla livell sad-dmirijiet tal-maniżers tal-linjal, mingħajr ma wieħed jinsa l-importanza ta' interazzjoni soċjali ta' rutina fost il-kolleġi. Filwaqt li tal-ewwel tista' tiġi indirizzata f'laqgħat online skedati, tal-aħħar tista' tiġi mħeġġa permezz ta' chats online jew permezz ta' laqgħat "virtwali".
- Tissottovalutax ir-riskju li l-ħaddiema jħossuhom iżolati u taħt pressjoni, li fin-nuqqas ta' appoġġ jista' jwassal għal problemi ta' saħħa mentali. Huwa importanti li jkun hemm komunikazzjoni u appoġġ effettivi mill-maniżer u l-kolleġi u li jkun jista' jinżamm kuntatt informali mal-kolleġi. Ikkunsidra li jkollok laqgħat regolari mal-persunal jew mat-tim li jsiru online jew alterna liema impiegati jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol, jekk ikun inbeda ritorn gradwali għax-xogħol.
- Kun af li l-impiegat tiegħek jista' jkollu sieħeb li wkoll ikun qed jaħdem mid-dar jew tfal li jista' jkollhom bżonn lil xi ħadd biex jieħu ħsiebhom peress li mhumiex qed imorru l-iskola, jew li jkollhom bżonn jaqbdu mill-bogħod biex ikomplu x-xogħol tal-iskola tagħhom. Oħrajn jista' jkollhom bżonn jieħdu ħsieb anzjani jew persuni b'mard kroniku u dawk li jinsabu f'konfinament. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-maniżers se jkollhom bżonn ikunu flessibbli f'termini tas-sighħat tax-xogħol u ta' prodduttività tal-persunal tagħhom u se jkollhom bżonn jagħmlu lill-ħaddiema konxji tal-fehim u l-flessibbiltà tagħhom.
- Assisti lill-ħaddiema fl-istabbiliment ta' limiti b'saħħithom bejn ix-xogħol u l-ħin liberu billi tikkomunika b'mod ċar meta huma mistennija li jkunu qed jaħdmu u li jkunu disponibbli.

## Involvi lill-ħaddiema

Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom fil-ċestjoni tal-OSH hija essenzjali għas-suċċess u obbligu legali. Dan japlika wkoll għal miżuri meħuda fil-postijiet tax-xogħol b'rabta mal-COVID-19, fi żmien meta l-avvenimenti jiżviluppaw malajr, b'livell għoli ta' inċertezza u ansjetà fost il-ħaddiema u l-popolazzjoni b'mod ġenerali.

Huwa importanti li tikkonsulta lill-ħaddiema tiegħek u/jew lir-rappreżentanti tagħhom u lir-rappreżentanti tas-saħħha u s-sikurezza fi żmien xieraq dwar il-bidliet ippjanati u kif il-proċessi temporanji se jaħdnu fil-prattika. L-involviment mal-ħaddiema tiegħek fil-valutazzjoni tar-riskji u fl-iżvilupp ta' reazzjonijiet huwa parti importanti minn prattika tajba ta' saħħha u sikurezza. Ir-rappreżentanti tas-saħħha u s-sikurezza u l-kumitat tas-saħħha u s-sikurezza jinsabu f'pożizzjoni unika biex jgħinu fit-tfassil ta' miżuri preventivi u biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati b'suċċess.

Ikkunsidra wkoll kif tiżgura li l-ħaddiema tal-aġenċija u l-kuntratturi jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni bħall-impiegati diretti.

## Hu ħsieb il-ħaddiema li kienu morda

Skont I-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha, [sintomi l-aktar komuni tal-COVID-19](#) huma deni, għeja, u sogħla xotta. Xi persuni jkunu infettati iżda ma jiżviluppaw l-lebda sintomu u ma jħossuhomx ma jifilħux. Il-biċċa l-kbira tan-nies (madwar 80 %) jirkupraw mill-marda mingħajr ma jkunu jeħtieġu trattament speċjali. Proporzjon żgħir ta' dawk li jkollhom il-COVID-19 jimirdu serjament u jiżviluppaw diffikultà fit-teħid tan-nifs. Il-persuni akbar fl-ċċet, u dawk bi problemi mediċi sottostanti bħal pressjoni tad-demm għolja, problemi tal-qalb jew dijabete, huma aktar probabbli li jiżviluppaw marda serja.

Persuni li jimirdu serjament jistgħu jeħtieġu kunsiderazzjoni speċjali anki wara li jiġu ddikjarati li jistgħu jmorru għax-xogħol. Hemm xi indikazzjonijiet li pazjenti bil-coronavirus jistgħu jbatu minn tnaqqis fil-kapaċită tal-pulmun wara attakk tal-marda. Il-ħaddiema f'din is-sitwazzjoni jistgħu jkunu jeħtieġu li x-xogħol tagħhom jiġi adattat u jiša' jkollhom bżonn ħin barra x-xogħol biex jagħmlu l-fiżjoterapija. Il-ħaddiema li kellhom iqattgħu l-ħin f'kura intensiva (IC) jistgħu jiffacċċaw sfidi speċifiċi. It-tabib tal-ħaddiem u s-servizz tas-saħħha okkupazzjonali, jekk disponibbli, għandhom jagħtu pariri dwar il-mod u ż-żmien meta dawn għandhom jirritornaw għax-xogħol:

- **Dgħufija fil-muskoli.** Aktar ma wieħed idum f'kura intensiva, din issir aktar serja. It-naqqis fil-kapaċită tal-muskoli jidher ukoll, pereżempju, fi l-menti respiratorji. Fenomenu ieħor komuni iżda li jiġi rikonoxxut inqas ta' spiss huwa Sindromu ta' Wara I-Kura Intensiva (PICS). Dan jiġri lil madwar 30 sa 50 % tal-persuni ammessi għal kura intensiva u huwa komparabbli ma' disturb minn stress postrawmatiku.
- **Problemi bil-memorja u l-konċentrazzjoni.** Dawn il-problemi ta' spiss jiżviluppaw biss maż-żmien. Ladarba persuna tkun reġgħet bdiet taħdem, dan mhux dejjem jiġi rikonoxxut. Is-sintomi li jidħru fuq il-post tax-xogħol huma problemi bil-memorja u l-konċentrazzjoni, diffikultà biex wieħed iwettaq il-kompli b'mod sodisfaċenti u ħiliet ta' soluzzjoni ta' problemi aktar dgħajfa. Għalhekk huwa importanti li toqgħod attent għal dan jekk tkun taf li xi ħadd kien f'kura intensiva. Gwida tajba hija importanti ħafna, minħabba li huwa diffiċli għal xi ħaddiema li jirritornaw għal-livell ta' prestazzjoni preċċedenti tagħhom.
- **Żmien twil biex jitkompla x-xogħol.** Id-data turi li kwart sa terz ta' dawk li jinsabu f'kura intensiva jistgħu jiżviluppaw problemi, indipendentement mill-ċċet tagħhom. Madwar nofs il-pazjenti jeħtieġu sena biex jerġgħu jibdew jaħdnu u sa terz jistgħu qatt ma jerġgħu jirritornaw.

It-tobba tax-xogħol u s-servizzi tas-saħħha huma fl-aħjar pożizzjoni biex jagħtu pariri dwar kif wieħed għandu jieħu ħsieb il-ħaddiema li kienu morda u dwar kwalunkwe adattament li jista' jkun hemm bżonn li jsir fix-xogħol tagħhom. Jekk ma għandekx servizz tas-saħħha okkupazzjonali, huwa importanti li tindirizza dawn il-kwistjonijiet b'sensittività u li tirrispetta l-privatezza u l-kunfidenzjalitā tal-ħaddiema.

Kun konxju mir-riskju li l-ħaddiema li kienu morda bil-COVID-19 jistgħu jbatu minn stigma u diskriminazzjoni.

## Ippjana u tgħallem għall-futur

Għalkemm it-tilqim kontra l-COVID-19 maż-żmien se jwassal għat-tmiem tal-pandemja attwali, huwa importanti li jitfasslu jew jiġu aġġornati pjanijet ta' kontinġenza għall-kriżiċċiex għall-avvenimenti ta' għeluq u ta' bidu fil-futur, kif deskritt fil-[COVID-19: guidance for the workplace](#) (COVID-19: gwida għall-post tax-xogħol). Anke n-negozji ż-żgħar jistgħu jagħmlu lista ta' kontroll li se tgħinhom iħejju ruħhom f'każ li jseħħi xi avveniment bħal dan fil-futur.

Intrapriżi li jkunu użaw it-telexogħol għall-ewwel darba jistgħu jikkunsidraw li jadottawh bħala prattika tax-xogħol moderna u fit-tul. L-esperjenza miksuba matul il-pandemja tal-COVID-19 tista' tikkontribwixxi għall-iż-żgħiġi u politika u proċeduri tat-telexogħol jew ir-reviżjoni ta' dawk eżistenti.

## Żomm ruħek infurmat tajjeb

L-ammont ta' informazzjoni relatata mal-COVID-19 jista' jkun enormi u jista' jkun diffiċli li ssir distinzjoni bejn dik l-informazzjoni li hija affidabbi u preċiża u dik li hija vaga u qarrieqa. Dejjem iċċekkja li s-sors oriġinali tal-informazzjoni jkun fornitur stabbilit u kwalifikat. Sorsi uffiċjali ta' informazzjoni dwar il-COVID-19 jinkludu:

- [L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħha](#)
- [Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard](#)
- [Il-Kummissjoni Ewropea](#)
- [L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol](#)

Hekk kif il-kriżi pandemika ssir anqas severa bis-saħħha tat-tilqim u hekk kif il-kontromiżuri tal-COVID-19 jibdew jiġu llaxxkat, tista' tinħareġ informazzjoni li tkun speċifika għal industrijji, komunitajiet, jew gruppi partikolari, u din tista' tiġi aġġornata ta' spiss. F'pajjiżek, il-ministeri għas-saħħha u għax-xogħol sejkollhom informazzjoni rilevanti u jistgħu jipprovd u links għal sorsi aktar speċjalizzati.

## Is-setturi u l-okkupazzjonijiet

Persuni b'impiegli li jpoġġuhom f'kuntatt fiżiku ma' ħafna oħrajn huma fl-akbar riskju li jaqbadhom il-COVID-19. Minbarra l-ħaddiema fil-kura tas-saħħha, il-kura residenzjali u fid-djar, il-ħaddiema essenzjali f'riskju akbar jinkludu, pereżempju, dawk involuti fil-provvista u l-bejgħ tal-ikel, il-ġbir tal-iskart, l-utilitajiet, il-pulizija u s-sigurtà, u t-trasport pubbliku.

Bl-istess mod li xi pajjiżi jirrestrinġu x-xogħol f'xi setturi qabel oħrajn – normalment l-ewwel li jiġu sospiżi huma l-edukazzjoni, l-attivitàjet ta' ħin liberu u d-divertiment, u l-aħħar l-industrija u l-kostruzzjoni – ir-ritorn għax-xogħol wara l-illaxkar tal-miżuri jista' wkoll jiġi mqassam b'mod simili, iżda f'ordni bil-maqlub. Gwida speċifika għas-settur relatata mal-COVID-19 hija disponibbi minn diversi pajjiżi u għażla ta' dawn hija elenkata hawn taħt. Iċċekkja s-siti web tal-[EU-OSHA](#), tal-[awtorità jew l-istitut nazzjonali tal-OSH](#) tiegħek għal aktar eżempji.

## **Sector-specific guidance related to COVID-19 (Gwida spċifika għas-setturi relatata mal-COVID-19)**

Kostruzzjoni	<a href="#">Construction</a>
Bejgħ bl-imnun	<a href="#">Retail</a>
Ikel	<a href="#">Food</a>
Trasport	<a href="#">Transport</a>
Manutenzjoni u servizzi domestiċi	<a href="#">Maintenance and domestic services</a>
Attivitajiet ta' ħin liberu u divertiment	<a href="#">Leisure and entertainment</a>
Edukazzjoni	<a href="#">Education</a>
Xogħol ta' parrukkiera	<a href="#">Hairdressing</a>
Servizzi tas-saħħha u tal-kura	<a href="#">Health and care services</a>
Il-pulizija u l-ħabsijiet	<a href="#">Policing and prisons</a>
Oħrajn	<a href="#">Others</a>
Kumpilazzjonijiet nazzjonali (mhux eżawrjenti)	<a href="#">National compilations (non-exhaustive)</a>

Jekk jogħġibok innota li dan id-dokument ġie aġġornat fit-23 ta' Diċembru 2020. L-[artikolu tal-OSHwiki article](#) korrispondenti jiġi rieżaminat perjodikament u r-riżorsi spċifici għas-settu jiġu aġġornati fuq bażi kontinwa.

Awtur(i): William Cockburn, Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)

© Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħha fuq il-Post tax-Xogħol, 2020  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors ikun rikonoxxut.